C/2024/7187

27.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11724 - SCHWENK / GOLDBECK / CONFINITY JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7187)

1. Fl-20 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Schwenk Zement GmbH & Co. KG (iktar "il quddiem 'Schwenk Group', il-Ġermanja),

— Aurum Private Equity GmbH (iktar" il quddiem "Goldbeck Group", il-Ġermanja).

Schwenk Group u Goldbeck Group se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Confinity GmbH & Co. KG.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Schwenk Group huwa prinċipalment attiv fil-manifattura u d-distribuzzjoni tas-siment, il-konkrit imħallat lest, ir-ramel u ż-żrar, il-ġestjoni tar-riċiklaġġ, is-servizzi tal-ippumpjar tal-konkrit, u l-produzzjoni ta' materjali tal-bini, u sistemi għal firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet ta' materjal tal-bini fiż-ŻEE,

— Goldbeck Group huwa prinċipalment attiv bħala kostruttur ġenerali u fornitur ta' servizzi tal-bini għal bini residenzjali u mhux residenzjali fiż-ŻEE.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Confinity GmbH & Co. KG se jkunu prinċipalment dawn li ġejjin:

— l-iżvilupp, il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' taħlitiet innovattivi magħmula minn materjali u komponenti tal-konkrit u materjali u komponenti oħra marbutin b'mod idrawliku li jużaw taħlitiet bħal dawn fiż-ŻEE.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11724 - SCHWENK / GOLDBECK / CONFINITY JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË